MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1012/2003

**SMS Insurance Agency Ltd ghan-nom ta' Ecclesiastical Insurance Office plc (socjeta' estera), kif surrogata fil-jeddijiet ta' Roberto Carlos Calleja u l-istess Roberto Carlos Calleja**

**vs**

**Stefan Cachia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm489.68) rappresentanti danni subiti mill-atturi wara l-incident stradali tat-23 ta' Ottubru 2002 fil-Marsa, meta l-konvenut kien qed isuq vettura TJP042 u habat mal-vettura assikuarat ZMX500, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut. Mill-

ammont mitlub Lm100 thallsu bhala “excess” mill-attur Calleja u l-kumplament thallsu mis-socjeta assikuratrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra bonarja tas-17 ta’ Frar 2003 (Dokument A), ta’l-ittra ufficjali ta’l-1 ta’ April 2003 (Dokument B) u ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra Fogg Insurtance Agency Ltd. ghal finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dokument C) u bl-imghax dekoribbli skond il-ligi sa’l-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-6 ta’ Gunju 2003, fejn huwa eccepixxa illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident de quo sehh unikament b’negligenza, traskuragini, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’l-attur Roberto Carlos Calleja, illi kien totalment fil-karreggjata zbaljata, tenut kont id-direzzjoni dikjarata tieghu, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta’ Mark Axiaq in rappresentanza tas-socjeta attrici, ta’l-attur Roberto Carlos Calleja, ta’ WPC116, Rita Micallef u tal-konvenut Stefan Cachia.

.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu ta’ din il-kawza sehh f’arterja principali tat-traffiku f’Rahal il-Gdid vicin ic-Cimiterju ta’l-Addolorata. Iz-zewg sewwieqa kienu weqfin mat-*traffic lights* vicin l-istabbiliment fejn qabel kien hemm is-Save-On Supermarket. Hekk kif it-*traffic lights* qalbu ghal kulur ahdar, iz-zewg sewwieqa saqu, b’dan illi l-attur Calleja kien bi hsiebu jibqa’ tielgha dritt lejn Hal Luqa, filwaqt li l-konvenut ried jikser sabiex imur lejn il-Marsa. L-attur ma xeghlex l-*indicator* ghaliex kien bi hsiebu jibqa’ isuq fid-dritt lejn Hal Luqa. L-attur kien wieqaf mat-*traffic lights* fuq it-tieni *lane* min-naha tac-*centre strip*, filwaqt li l-konvenut

kien wieqaf fuq it-tielet *lane* u cioe' fuq in-naha tax-xellug ta'l-attur. Meta saqu huma baqghu fl-istess karreggjata, tant ghalhekk illi meta l-konvenut gie sabiex jikser biex jiehu id-irezzjoni lejn il-Marsa huwa sab lill-attur ma' wiccu peress illi dan ma kienx ser jiehu l-istess rotta tieghu, izda kien ser jibqa' sejjer fid-dritt u b'hekk sehhet il-kollizzjoni.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, dan l-incident stradali sehh minhabba l-fatt illi iz-zewg sewwieqa qabbdu l-karreggjata l-hazina ghad-direzzjoni li kienu bi hsiebhom jiehdu. L-attur messu qabad il-karreggjata li kien qieghed isuq fiha l-konvenut, filwaqt illi l-konvenut messu qabad il-karreggjata li kien qieghed isuq fiha l-attur. Illi gialdarba l-attur kien bi hsiebu jibqa' tielgha dritt lejn Hal Luqa, huwa messu qabad il-karraggjata ta' barra u cioe' dik li tiehu dritt lejn it-telgha ta' Hal Luqa u dana sabiex ma ikunx ta' ostakolu ghat-traffiku li ikun bi hsiebu idur lejn il-Marsa. Illi min-naha tieghu, l-konvenut ukoll ma messu qatt qabad il-karreggjata ta' barra (fuq in-naha ta'l-istabbiliment fejn kien hemm s-Save-On Supermarket) jekk kellu l-intenzjoni idur lejn il-Marsa, izda messu zamm iktar lejn in-naha ta' gewwa u cioe' lejn id-direzzjoni fejn kien bi hsiebu jikser.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi iz-zewg sewwieqa kienu resposnabbli ghal dan l-incident b'mod ugwali peress illi l-kawza prossima ta'l-istess kien il-fatt illi huma qabbdu l-karreggjata zbaljata ghad-direzzjoni tat-traffiku li kienu bi hsiebhom jiehdu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara liz-zewg sewwieqa ugwalment responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, ighaddi sabiex filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut in parte, jilqa' it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm244.84) u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din s-somma, bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------